# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST. S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Rikors Nru. 7/98 G**

**Perit Paul Mercieca**

**vs**

**Rosa armla Debono u ghall-interess li jista' jkollhom Salvatore u Carmela konjugi Rapa u b'digriet tas-16 ta' Frar, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Salvatore u Carmela konjugi Rapa stante l-mewt ta' Rosa Debono fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IR-RIKORS PROMOTORJU**

1. B'rikors tieghu quddiem il-Bord li Jirregola l-Qbejjel tar-Raba ghal Ghawdex fl-ismijiet premessi huwa talab li jigi awtorizzat li jiehu lura l-

bicca raba ta' cirka nofs tomna cioe' 562.05 metri kwadri, li qeghda fi Triq Sant'Antnin, Mgarr, li kienet mqabbla lill-intimata Rosa Debono bil-qbiela ta' 50c fis-sena li tithallas bis-sena f'Santa Maria, liema lokazzjoni l-intimata Debono, minghajr il-kusens tieghu ssulokat jew cediet lill-intimati konjugi Rapa li pero' qatt ma gew rikonoxxuti mir-rikorrenti;

U dana peress illi l-intimata Debono jew l-intimati Rapa bil-kunsens taghha biddlet id-destinazzjoni tal-lokazzjoni billi bniet kmamar fih ghall-annimali, dawwret l-istess raba b'hajt gholi tal-kantun flok il-hajt li kellha u nkludiet mad-dar ta' l-intimati Rapa parti mill-istess raba, qalghet is-sigar tal-frott li kien hemm fl-istess raba, u mhux qed tuza u tahdem r-raba kif suppost u ghalhekk l-intimata jew min minnhom kisru l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni u ghamlu hsara fir-raba tieghu.

**Ir-risposta ta' l-intimati**

2. L-intimati rrispondew illi c-cessjoni tad-drittijiet lokatizji da parti ta' Rosa Debono lil Carmela Rapa hija permissibbli u ammissibbli ai termini tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex Carmela Rapa tigi dixxendenti lineari ta' Rosa Debono illi tigi nannitha.

U illi dwar il-kawzali tal-bdil fid-destinazzjoni tal-fond lokatizju, din hija allegazzjoni fiergha u immaginarja illi gia giet dedotta mir-rikorrenti in

gudizzju fl-Avviz fl-ismijiet premessi Avviz Nru. 45/91 deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri fl-24 ta' Marzu, 1998. Id-decizjoni ta' dik il-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-fatti illum tikkostitwixxi gudikat bejn il-partijiet, u ghaldaqstant in kwantu jirrigwarda l-allegazzjonijiet fattwali tar-rikorrenti, l-esponenti qeghdin minn issa jeccepixxu r-res gudicata kontra t-talbiet tar-rikorrenti.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

3. Il-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghal Ghawdex kompost mic-Chairman bis-sentenza ta' l-4 ta' April, 2001, ddecidiet dan ir-rikors billi fl-ewwel lok cahad l-eccezzjoni tar-'res judicata' ta' l-intimati u mbaghad cahad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu, ghat-terminazzjoni tal-qbiela u ripresa tal-pussess tar-raba mikrija.

**<u>L-Appell tar-rikorrent</u>**

4. Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha lil din il-Qorti. Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-segwenti:-

> "(i) Illi l-Bord korrettement cahad l-eccezzjoni tar-res judicata ta' l-intimat ghaliex, kif sewwa spjega d-decizjoni tal-Qorti Inferjuri Civili il-kawza kwotata mill-intimati semplicement ddikjarat li hija nkompetenti biex tisma' l-kawza billi t-tribunal

kompetenti kien il-Bord li Jirregola l-Qbiela u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Ir-riferenza ghal dik il-kawza li saret mill-partijiet kienet ghall-atti u mhux ghas-sentenza. Ghalhekk din il-parti tad-decizjoni tal-Bord ghandha tigi konfermata;

(ii) Illi ghal dak li jirrigwarda c-cessjoni o meno tal-lokazzjoni lill-intimati Rapa, l-esponenti semmiha biss bhala fatt u biex jispjega ghaliex l-intimati Rapa gew imdahhla fil-kawza ghall-interess li jista' jkollhom u anke biex jenfasizza li kien hemm jew le din ic-cessjoni huwa qatt ma rrikonoxxa lill-intimati Rapa bhala l-inkwilini godda, u ghalhekk r-relazzjoni gjuridika baqghet dik bejn ir-rikorrenti u l-intimata Rosa Debono. Fil-fatt jidher illi din ic-cessjoni vantata kienet biss taparsi ghaliex l-intimata Debono fil-mori tal-kawza ghamlet testment li bih halliet id-drittijiet lokatizji ta' l-istess raba lill-intimata Rapa li minnhom Carmela Rapa nee Attard tigi t-tifla tat-tifla taghha;

(iii) Illi l-kawzali unika u krucjali li fuqha r-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu ghar-ripresa tar-raba mertu tal-kawza hija l-fatt illi l-intimata Rosa Debono jew l-intimati Rapa bil-kunsens taghha biddlu d-destinazzjoni tal-lokazzjoni billi bnew minghajr il-kunsens tieghu diversi kmamar biex izommu l-annimali; dawwru parti minnha b'hitan gholjin tal-kantun parti sostanzjali minnha biex jaghmluha gnien tad-dar fejn kienet toqghod Rosa Debono illum proprjeta' ta' l-intimati Rapa u b'dan il-mod mhux biss biddlu d-destinazzjoni tal-lokazzjoni imma ghamlu hsara lill-fond mikri;

(iv) Illi fuq din il-kwistjoni tal-kambjament tad-destinazzjoni l-Bord ghamel apprezzament hazin tal-provi prodotti kemm f'din il-kawza kif ukoll fil-kawza civili li ghalihom saret riferenza miz-zewg nahat, bil-konsegwenza li gie ghall-konkluzzjoni zbaljata li l-bdil fid-destinazzjoni tal-lokazzjoni ma gie provat;

(v) Illi l-Bord fuq din il-kwistjoni jibda biex jghid bhala punt di partenza bil-konkluzzjonijiet mbaghad li jsegwu minnu illi "Skond Rosa Debono dan ir-raba kien intalab lill-omm ir-rikorrenti, appuntu biex ikunu jistghu irabbu l-annimali fih, u ghalhekk kienu nbnew dawk il-kmamar. Din ix-xhieda ma giet kontradetta bl-ebda mod".

(vi) Jekk dan li kkonkluda l-Bord huwa korrett allura l-Bord kellu jiddikjara li huwa mhux kompetenti li jiddeciedi dan il-kaz ghaliex il-ligi tat-Tigdid tal-Kiri tar-Raba, Kap 199, teskludi espressament mill-protezzjoni taghha u ghalhekk mill-kompetenza tal-Bord raba li tinkera biex jirghu l-annimali.

Ghaldaqstant l-appellanti talab li din il-Qorti joghgobha li tirriforma s-sentenza ta' l-4 ta' April, 2001, tal-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghal Ghawdex, billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn din cahdet l-eccezzjoni ta' res judicata moghtija mill-intimati, tirrevokaha ghall-kumplament billi tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimati u tilqa' t-talba tar-rikorrent ghar-ripresa tar-raba mertu ta' din il-kawza bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati; alternattivament f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li r-raba mertu tal-kawza inkera mill-bidu ghal skop tat-trobbija ta' l-annimali li tiddikjara li l-Bord tal-Qbiela ma kienx it-tribunal kompetenti biex jiddeciedi din il-kawza u konsegwentement li tannulla is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**<u>Ir-risposta ta' Salvatore u Carmela Rapa</u>**

5. L-apellanti wiegbu hekk in succint:-

"Illi in linea preliminari, l-appell odjern ma giex intavolat quddiem il-Qorti kompetenti, illi hija l-Qorti ta' l-Appell (Kompeteza Inferjuri) ai termini ta' l-artikolu 41(7) tal-Kap 12, kif emendat bl-artikolu 3(a) ta' l-Att VI, 2001, cioe' qabel ma giet pronunzjata s-sentenza li minnha qieghed jigi interpost l-appell.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ma ghadhiex aktar kompetenti, u ma kienet qatt kompetenti, sabiex tisma' u tiddeciedi dan l-appell, bil-konsegwenza illi dan l-appell huwa irritu u null u ghandu ghalhekk jigi rigettat bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, ghandha tigi kkonfermata u l-aggravji ta' l-appellant ghandhom jigu respinti".

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

6. Din li ser tinghata hija biss decizjoni preliminarja u <u>in parte</u> dwar eccezzjoni legali u ta' indole procedurali sollevata mill-appellati fir-

risposta taghhom ghar-rikors ta' l-appell li gie interpost mir-rikorrent appellant mid-decizjoni moghtija mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba. F'din ir-risposta, l-appellati qeghdin isostnu inter alia u preliminarjament, u cioe' indipendentement mill-meritu proprju tal-vertenza, li ma tezistix "Qorti ta' l-Appell mill-Bord tal-Qbiela" u li f'kull kaz ir-rikors ta' appell huwa wiehed null billi ma giex ipprezetat korrettement fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u dan skond ma hemm imnizzel fl-artikolu 41 (6) u (7) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendat.

7. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ezawrjenti li gew sottomessi mill-partijiet kontendenti fil-kawza, tibda billi tirrileva li minkejja dak kollu li gie estensivament sottomess mill-parti appellanti, huwa pacifiku li bhala fatt jirrizulta li:-

(i) huwa minnu li t-tismija tal-Qorti giet indikata u mnizzla bhala "Qorti ta' l-Appell mill-Bord tal-Qbiela" (sic) mill-appellant fir-rikors ta' appell;

(ii) li r-rikors ta' appell de quo gie pprezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri ta' Malta.

Illi ghalhekk dan kollu jfisser li proprjament dak li ghandha tqis u taghmel din il-Qorti huwa jekk dawn iz-zewg fatti jimpurtawx in-nullita' o meno tar-rikors ta' appell hekk interpost.

8. Dwar l-ewwel parti ta' l-aggravju m'ghandu jkun hemm ebda dubbju li m'hemm ebda Qorti bit-tismija moghtija mill-appellanti. Evidentement ghalhekk jidher bic-car li din l-indikazzjoni hija wahda zbaljata. Fl-istess waqt pero' din il-Qorti hija tal-fehma li dana l-izball la huwa wiehed talment gravi li ma jistax jigi sanat wara talba appozita ghall-fini ta' korrezzjoni u dan ghaliex ma jaffettwax fis-sostanza l-meritu ta' l-appell jew jarreka xi pregudizju ta' sostanza lill-kontroparti appellata. Fil-fatt jigi wkoll innutat li l-appellati wiegbu debitament u fil-Qorti korrettement indikata ghal fini ta' risposta taghhom. Illi ghaldaqstant, ghalkemm eventwalment din l-iskorrettezza trid tigi sanata bid-debita korrezzjoni u wara li tkun saret formalment talba <u>ad hoc</u>, m'hemmx lok ta' pronuncjament ta' nullita' kif gie eccepit.

9. Nigu issa ghat-tieni parti ta' l-aggravju. Hawn ukoll il-Qorti tosserva bla tlaqliq li r-rikors ta' appell effettivament gie pprezentat b'mod irritu u kwantokke' dan kien messu gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u mhux fir-Registru tal-Qrati Superjuri ta' Malta. Huwa minnu li l-emendi procedurali effettwati u mqeghdin fis-sehh in forza ta' l-Att Numru VI ta' l-2001 graw fil-mori tal-proceduri

imma l-fatt jibqa' li dawn gew "in vigore" qabel ma gie pprezentat ir-rikors ta' appell kif fuq inghad. Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li hija l-prassi u n-norma li l-presunzjoni tal-ligi hija dik li kull parti titqies li taf xi tghid il-ligi u li per konsegwenza "ignorantia legis neminem excusat", multo magis meta l-atti jkunu gew ipprezentati minn professjonisti. Mill-banda l-ohra izda, huwa minnu wkoll li kif argumenta l-abbli difensur ta' l-appellant, proprjament Qorti ta' Appell ghall-kaz in ezami hemm wahda u mhux tnejn. M'hemmx igifieri Qorti ta' Appell ghall-Gzira ta' Ghawdex u ohra ghall-Gzira ta' Malta. Ifisser mela li llum, anke taht il-ligi kif emendata wara li dawn gew fis-sehh fl-1995, hemm Qorti ta' Appell wahda ghaz-zewg gzejjer ta' Malta u Ghawdex. Ifisser inoltre li dina l-istess Qorti hija maghmula minn sezzjonijiet diversi, fosthom dik is-sezzjoni li tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri taghhom. Ghall-konvenjenza tal-pubbliku li jirrisjedu fil-Gzira ta' Ghawdex, il-legislatur haseb biex appelli simili jigu trattati u decizi Ghawdex. In konformita' ma' dan, il-ligi riedet ukoll li ghall-fini ta' prezentata ta' atti r-Registru jkun dak tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u mhux dak tal-Qrati Superjuri ta' Malta. Din il-Qorti m'hijiex sejra toqghod tidhol, bhal ma ghamel invece l-appellant, f'dibattitu akkademiku jekk kienx hemm "logika" jew le dwar kif inhija l-posizzjoni attwali, igifieri wara li gew fis-sehh l-emendi ta' l-1995, dwar li Qorti t'Ghawdex (Inferjuri Civili) tisma' wkoll il-kawzi ta' gurisdizzjoni superjuri. Ezercizzju ta' din ix-xorta ma jwassal ghal imkien u huwa

wiehed futili. B'danakollu din il-Qorti, ankorke' b'certa doza ta' riluttanza, hija tal-fehma li l-izball li gie indott fih l-appellant meta huwa pprezenta r-rikors ta' appell tieghu fir-Registru zbaljat m'ghandux iwassal ukoll ghan-nullita' ta' l-atti tar-rikors ta' appell. Dan mhux biss ghar-raguni gia suesposta li Qorti ta' Appell ghaz-zewg gzejjer hija unika u mhux doppja u distinta imma ghaliex ukoll, fuq kollox, ir-Registru m'ghandux <u>per se'</u> jiddetermina l-gurisdizzjoni tal-Qorti fic-cirkostanzi partikolari fuq imsemmija. Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li, minkejja l-irritwalita' oggettiva tal-prezentata, m'hemmx nullita' ta' l-atti. Dana maghdud pero', u hawn ghandhom ragun iz-zewg partijiet, it-tkomplija tas-smiegh ta' dana l-appell ghandha ssir quddiem dik is-sezzjoni li hemm f'Ghawdex u mhux quddiem din il-Qorti. Illi ghal dan il-ghan, din il-Qorti qeghda espressament tidderiegi lill-appellant biex fi zmien tmient (8) ijiem mil-lum huwa jintavola rikors quddiem dik is-sezzjoni tal-Qorti ta' l-Appell <u>fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)</u> bhala ir-Registru tal-Qorti ta' l-Appell li fih, wara li jaghmel accenn ghal din is-sentenza <u>in parte</u>, jitlob ukoll biex dan l-appell jigi appuntat u jitkompla bis-smiegh tieghu quddiem dik il-Qorti u dana wkoll billi l-atti kollha relativi jigu mibghutin quddiemha mir-Registratur ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li qeghda tirrespingi l-eccezzjonijiet/oggezzjonijiet preliminarji ta' l-appellati, tidderiegi lill-

appellanti biex jimxi konfermement ma' dak li gie lilu ordnat minn din il-Qorti fil-paragrafu penultimu precedenti fiz-zmien lilu prefiss.

L-ispejjez gudizzjarji relativi ghal din is-sentenza jibqghu, fic-cirkostanzi, minghajr taxxa bejn il-partijiet.

Dep/Reg

mm